TRIBUNAL TA' REVIŻJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
10 JUN 2021
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

**Applikazzjoni: PA/00439/20**
**Ippubblikata – 12 ta' Mejju 2021**

**Charles Barbara**

**Vs**

**L-Awtorità tal-Ippjanar**

**Rikors tal-appell ta' Charles Barbara**
**Jesponi bir-rispett:**

**Fatti fil-Qosor**

1. Illi l-appellant applika għal permess għal "*extension to approved area for tables and chairs (DN1453/14 and PA 4052/07) including demountable platform level with existing pavement and addition of proposed 1.2m high perimeter screen around previously approved tables and chairs area on pavement*" (riferenza PA/00439/20);

2. Illi l-Awtorità tal-Ippjanar, permezz ta' deċiżjoni datata 3 ta' Mejju 2020 ippubblikata 12 ta' Mejju 2021, akkordat il-permess bin-numru ta' riferenza PA/000439/20 u dan, fost in-numru ta' kundizzjonijiet imposti fuq l-appellant;

3. Illi l-appellant ħassu aggravat mil-kundizzjoni imposta fuqu mil-Awtorità tal-Ippjanar, senjament il-kundizzjoni numru erbgħa (4), li hija il-kundizzjoni ghal-kontribuzzjoni fl-ammont ta' tlieta u għoxrin elf Ewro (€23,000) favur il-*Commuted Parking Payment Scheme* u qed jintavola dan l-appell, fejn l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti;

**Raġunijiet għal-Appell**

**L-Ewwel Aggravju – Il-Kapaċità tal-imwejjed u siġġijiet mhux ser tiżdied.**

4. Illi għalkemm l-appellant applika sabiex ikollu aktar siġġijiet u imwejjed, dawn mhux ser iżidu l-kapaċità tal-istabbilimenti ikkonċernati stante illi l-appellant ser inqas il-kapaċità tal-imwejjed u siġġijiet b'mod proporzjonali minn ġewwa l-istabbilimenti;

5. Illi di piu', wieħed irid jieħu in konsiderazzjoni illi l-maġġoranza tal-klijentela huma turisti, fejn il-maġġoranza jiġu iżuru Malta matul il-perjodu tas-Sajf biss u għalhekk, wieħed irid ukoll iqis illi l-istabbilimenti ikunu fil-possibbiltà tal-

kapaċità massima matul is-sajf biss in vista wkoll illi t-temp fix-xitwa mhux dejjem ser ikun jippermetti li jintużaw l-imwejjed u siġġijiet li hemm barra l-istabbilimenti. In subsidium, il-maġġoranza ta' turisti ma jagħmlux użu minn karozza sabiex jivvjaġġaw madwar Malta matul il-vaganza tagħhom u għalhekk żgur ma hemm l-ebda telf ta' parkeġġi;

6. Illi ta' minn jinnotta wkoll illi permess qed jigi mitlub f'art fejn vetturi ma għandhomx aċċess u infatti hemm diversi *bollards* li ma jagħtux aċċess ghal vetturi. Dan iffisser illi l-permess qed jigi mitlub f'art illi mhux ser tiehu parkeggi ta' vetturri u ghalhekk l-ammont ta' parkegg ser jibqa l-istess (Dok.A);

7. Illi apparti minn hekk u mingħajr preġudizzju ghas-suespost, jekk xorta dan l-Onorabbli Tribunal jgħaddi sabiex jikkonferma li hemm xi tip ta żieda fil-kapaċità u li ser twassal ghal telf ta' parkeġġ (allegazzjoni li qed tigi totalment miċħuda), din żgur mhux ekwivalenti ghal-hames parkeġġi u jinkombi fuq l-Awtorità turi kif waslet għal dan l-ammont;

**It-Tieni Aggravju - Il-Kundizzjoni imposta fuq l-appellant għal-kontribuzzjoni fl-ammont ta' tlieta u għoxrin elf Ewro (€23,000) favur il-Commuted Parking Payment Scheme hija diskriminatorja versu l-appellant**

8. Illi applikazzjonijiet simili minn terzi fl-istess lokalita u fil-viċinanzi tal-post in kwistjoni mertu ta' dan l-appell, ġew approvati mingħajr il-kundizzjoni tal-*Commuted Commuted Parking Payment Scheme (*vide u pjena referenza għal PA 8079/17, DN1083/15 u DN 1084/15*)* u fejn xi uħud minnhom, għandhom ħafna aktar siġġijiet u għalhekk, tali kundizzjoni totalment tippreġudika b'mod sostanzjali lill-appellant u kif ukoll diskriminatorja fil-konfront tiegħu;

9. Illi issir referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet Joseph Gauci vs Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, deċiża mil-Qorti tal-Appell 25 ta' Frar 2011, fejn il-Qorti iddikjarat li applikazzjonijiet simili jirrikjedu trattament identiku u jirrikjedu li jkunu konsistenti sabiex ma tiġix krejata diskriminazzjoni u inegwaljanza mal-appellant;

10. Illi issir ukoll referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet Joseph Muscat vs. L-Awtorità ta' Malta dwar l-ambjent u l-Ippjanar, deċiża 15 ta' Mejju 2005, fejn ġiet ikkonfermata id-deċiżjoni tal-Board, fejn intqal "***Illi peress li l-iżvilupp fis-sit adjacenti gie approvat, hu diffiċli għal dan il-Bord jasal għall-konklużjoni differenti***";

11. Illi apparti s-suespost, l-esponenti diġà għandu l-permessi għal l-użu tal-art sabiex tintuża għal-imwejjed u siġġijiet (DN1453/14 u PA 4052/07) u f'dawk il-

permessi, ma giet imposta l-ebda kundizzjoni sabiex ikun hemm kontribuzzjoni favur il-*Commuted Parking Payment Scheme* u għalhekk, m'hemmx lok għalfejn tiġi imposta din il-kundizzjoni fil-permess odjern, li huwa sempliċiment estensjoni u gia la darba fil-permessi l-oħrajn, ma ġietx imposta tali kundizzjoni;

12. Illi għalhekk, l-Awtorità tal-Ippjanar, bħal kull tip ta' Awtorità oħra, għandha tkun konsistenti fid-deċiżjonijiet tagħha u fuq il-kundizzjonijiet illi timponi f'applikazzjonijiet simili u/jew identiċi u dan, sabiex tagħti ċertezza u sens ta' direzzjoni lil min irrid jagħmel kwalsiasi tip ta' żvilupp;

**Konklużjoni – Rimedju Imfittex**

13. Għaldaqstant l-appellant, jitlob bir-rispett li dan it-Tribunal jogħġbu jilqa' l-appell tiegħu billi, fil-waqt li jikkonferma in parte id-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar, jirrevoka il-kundizzjoni imposta mil-Awtorità tal-Ippjanar fuq l-appellant in kwantu tal-kundizzjoni numru erbgħa, b'mod specifiku l-kontribuzzjoni fl-ammont ta' tlieta u għoxrin elf Ewro (€23,000) favur il-*Commuted Parking Payment Scheme* tal-istess Awtorità għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija u dan, salv kull provedimenti ulterjuri li dan it-Tribunal jidhirlu xieraq u opportun.

**Av. Steven Farrugia Sacco**
**Palazzino Del Monte 61, St. Lucy Street, Valletta**
**steven@fsgm.partners**
**mob: 9945 3243**

**Av. Jean Carl Abela**

**Appellant:** **Charles Barbara – Corner Chef & Country Style, Wesgha Carmelo Caruana c/w Triq San Edwardu, il-Bajja s-Sabiha, Birzebbuga**

TRIBUNAL TA' REVIŻJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR

Applikazzjoni: PA/00439/20
Ippubblikata – 12 ta' Mejju 2021

Charles Barbara

Vs

L-Awtorita tal-Ippjanar

**Lista ta' Xhieda:**

1. L-appellant ghal konferma tal-fatti
2. Il-Perit Kevin Bencini ghal konferma tal-fatti
3. Il-membri tal-Board tal-Awtorita tal-Ippjanar li kienu involti fid-deċiżjoni
4. Xhieda kollha ndikati mil-intimat fir-risposta tagħhom eventwali għall-eżami jew kontro-eżami anke jekk dawn ma jittellgħux jixhdu mil-intimat
5. Xhieda oħra minn issa riservati l-appellant mhux edott minnhom f'dan l-istadju
6. Xhieda oħra minn issa riservati u li l-ħtieġa tagħhom tinqala waqt is-smiegħ tal-kawża

**Av. Steven Farrugia Sacco**
Palazzino Del Monte 61, St. Lucy Street, Valletta
steven@fsgm.partners
mob: 9945 3243

**Av. Jean Carl Abela**